# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **572 / 2016**

**GO P.L.C.**
[REG NRU. C-22334]

***VERSUS***

**REES SHIAN ELIZABETH**
[K.I. NRU. 45925A]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-2 ta' Dicembru, 2016 fejn is-Socjetà Attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma komplessiva ta' erbat elef, mitejn u tmintax-il ewro u wiehed u tletin ewro centezmi (€4,218.31c) in kwantu ghal €1,014.92c in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40419773, €2,049.10c in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40335423 u €1,154.29c in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40310234, kif ahjar deskritt fl-istess imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ma' dawk marbuta mal-ittra ufficjali bin-numru 2332/2014 u kif ukoll l-imghax fuq l-imsemmi sorte mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma dehret personalment (jew tramite rapprezentant taghha) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxix il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali hekk kif formalment registrat fil-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Gunju, 2018 (*a fol*. 46) u la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghall-udjenzi mizmuma quddiem it-Tribunal wara tali notifika u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Minhabba tali omissjoni (kemm formali u kif ukoll ta' attendenza fizika), il-konvenuta giet dikjarata fi stat ta' kontumacja skond dak previst fil-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan kollu gie debitament registrat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza datata 13 ta' Gunju, 2018.

Ir-rapprezentant tas-socjetà attrici, Paul Gatt, fl-udjenza tat-13 ta' Gunju, 2018, ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont reklamat mis-socjetà attrici f'dawn il-proceduri ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenuta u li l-istess konvenuta ma kienet wettqet l-ebda pagament akkont fil-mori tal-proceduri odjerni. Fl-istess udjenza, l-istess rapprezentant ukoll ikkonferma bil-gurament tieghu d-dokumenti rilevanti mehmuza ma' l-att promotur (ara *a foll*. 2–8) illi jitkellmu dwar il-kontijiet mertu ta' dawn il-proceduri u li jirrispekkjaw ic-cifra globali mitluba f'din il-kawza.

Fid-dawl tal-provi mressqa mill-attrici u ta' dak senjalat *supra* – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attrici. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier [u anke kunsidrat dak li jrid u jghid l-Art. 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta], ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom. Ghalhekk, jirrizulta li t-talba tas-socjetà

attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b’xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ erbat elef, mitejn u tmintax-il ewro u wiehed u tletin ewro centezmu (€4,218.31c), bl-imghaxijiet legali bir-rata ta’ 8% fuq dan l-ammont dekorribbli mit-2 ta’ Dicembru, 2016 sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji ta’ dawn il-proceduri u ta’ l-ittra ufficjali bin-numru 2332/2014 huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft.*** **AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.*** **ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*